

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1058****tad-29 ta' Ġunju 2016****li jagħlaq il-proċedura tal-offerti għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat f'intervent pubbliku miftuħa permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/826**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/826 <sup>(2)</sup> fetax proċedura tal-offerti għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat hekk kif il-limitazzjoni kwantitattiva ta' 218 000 tonnelli stabbilita fl-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013 għax-xiri ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss f'intervent pubbliku kienet inqabżet.
- (2) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1042 <sup>(3)</sup>, żied il-limitazzjonijiet kwantitattivi applikabbli għax-xiri sfurzat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss għas-sena 2016 mit-30 ta' Ġunju 2016.
- (3) Għalhekk, jixraq li tingħalaq il-proċedura tal-offerti miftuħa permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/826 u jerġa' jibda x-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss f'intervent pubbliku sakemm jintlaħqu l-limitazzjonijiet kwantitattivi.
- (4) Billi, wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament l-aġenziji tal-intervent għandhom jinnotifikaw minnufih lill-offerenti dwar l-għeluq tal-proċedura tal-offerti, dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Għeluq tal-proċedura tal-offerti**

Il-proċedura tal-offerti miftuħa permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/826 hija b'dan magħluqa.

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 346, 20.12.2013, p. 12.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/826 tal-25 ta' Mejju 2016 li jagħlaq l-intervent tax-xiri (buying-in) ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss għall-perjodu ta' intervent li jintemm fit-30 ta' Settembru 2016 u li jiftax il-proċedura tas-sejħa għall-offerti għax-xiri (ĠUL 137, 26.5.2016, p. 19).<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1042 tal-24 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli, rigward il-limitazzjonijiet kwantitattivi applikabbli għax-xiri sfurzat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat (ĠUL 170, 29.6.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*  
*F'isem il-President,*  
Jerzy PLEWA  
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---